Nru./No. 18,537
Prezz/Price
€4.47

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 22 ta' Jannar, 2010
Friday, 22nd January, 2010

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 657 - 664
Government Notices ..... *657 - 664*

Avviż tal-Pulizija ..... 664 - 665
Police Notice *664- 665*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 665 - 676
Employment Opportunities ..... *665 - 676*

Avviżi tal-Gvern ..... 676 - 684
Notices ..... *676 - 684*

Offerti ..... 684 - 731
Tenders ..... *684 - 731*

Avviżi tal-Qorti ..... 732 - 748
Court Notices ..... *732 - 748*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 67

TERMINAZZJONI TA' KIRI TA' RABA'

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta, hija ppubblikata skont l-Att tal-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

It-22 ta' Jannar, 2010
(File No. L823/72)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Jien hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija, li hija proprjetà tal-Gvern, hija meħtieġa għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Att tal-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja fiż-Żurrieq:

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 8 metri kwadri, li tmiss mit-Tramuntana u mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern u mill-Grigal ma' triq pubblika reġistrata fir-*Records* tal-Gvern bħala parti mit-*tenement* Nru. 51076.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur blu fuq il-pjanta P.D. 2009_453 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) George Abela
President

It-12 ta' Jannar, 2010

Nru. 68

TERMINAZZJONI TA' KIRI TA' RABA'

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta, hija ppubblikata skont l-Att tal-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

It-22 ta' Jannar, 2010
(File No. E67/2002/I/32)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Jien hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija, li hija proprjetà tal-Gvern, hija meħtieġa għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Att tal-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

GOVERNMENT NOTICES

No. 67

TERMINATION OF AGRICULTURAL LEASE

THE following declaration, made by the President of Malta, is published in terms of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

22nd January, 2010

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

I hereby declare that the undermentioned land, which is Government property, is required for a public purpose in accordance with the provisions of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

Description of the Land

The following land at Żurrieq:–

1. A plot of land of the area of about 8 square metres, bounded on the North and South West by Government property and on the North East by a public road and registered in the Government Records as part of tenement No. 51076.

The abovementioned land is shown marked in blue on plan P.D. 2009_453 which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) George Abela
President

12th January, 2010

No. 68

TERMINATION OF AGRICULTURAL LEASE

THE following declaration, made by the President of Malta, is published in terms of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

22nd January, 2010

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

I hereby declare that the undermentioned land, which is Government property, is required for a public purpose in accordance with the provisions of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja fiż-Żurrieq:

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 43 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern u mix-Xlokk ma' triq pubblika reġistrata fir-*Records* tal-Gvern bħala parti mit-*tenement* Nru. E00008.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur blu fuq il-pjanta P.D. 134_2002_1 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) George Abela
President

It-12 ta' Jannar, 2010

Description of the Land

The following land at Żurrieq:–

1. A plot of land of the area of about 43 square metres, bounded on the North and the West by Government property and on the South East by a public road registered in the Government Records as part of tenement No. E00008.

The abovementioned land is shown marked with the colour blue on plan P.D. 134_2002_1 which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) George Abela
President

12th January, 2010

Nru. 69

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa tal-artikolu 3 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija ppubblikata skont u għall-finijiet tal-artikolu 9 (1) ta' dik l-Ordinanza.

It-22 ta' Jannar, 2010
(File No. L304/2009/I)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Skont l-artikolu 8 (1) tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88) jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija għandha tiġi eżaminata bil-ħsieb li possibbilment tiġi akkwistata għal skop pubbliku.

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja f'Birżebbuġa:-

1. Biċċa art tal-kejl ta' circa 2,122,488 metru kwadru, li tmiss min-Nofsinhar ma' xatt il-baħar, mit-Tramuntana u mil-Lvant ma' proprjetà tal-Gvern.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur isfar u bil-bordura ħamra fuq pjanta P.D. 2009_786, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) George Abela
President

It-12 ta' Jannar, 2010

No. 69

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of section 9 (1) thereof.

22nd January, 2010

DECLARATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

In accordance with section 8 (1) of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Cap. 88) I hereby declare that the undermentioned land should be assessed with the intention of possibly being acquired for a public purpose.

Description of the Land

The following land at Birżebbugia:

1. A plot of land of the area of around 2,122,488 square metres, bounded on the South by the coast line, on the North and the East by Government property.

The abovementioned land is shown marked with the colour yellow and with the border red on plan P.D. 2009_786, which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) George Abela
President

12th January, 2010

Nru. 70

TERMINAZZJONI TA' KIRI TA' RABA'

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta, hija ppubblikata skont l-Att tal-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

It-22 ta' Jannar, 2010
(File No. A 346/97)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Jien hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija, li hija proprjetà tal-Gvern, hija meħtieġa għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Att tal-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja fiż-Żurrieq:

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 132.9 metri kwadri, li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà tal-Gvern u mix-Xlokk u mill-Punent ma' triq pubblika.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur blu fuq il-pjanta P.D.2009_450 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) George Abela
President

It-12 ta' Jannar, 2010

No. 70

TERMINATION OF AGRICULTURAL LEASE

THE following declaration, made by the President of Malta, is published in terms of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

22nd January, 2010

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

I hereby declare that the undermentioned land, which is Government property, is required for a public purpose in accordance with the provisions of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

Description of the Land

The following land at Żurrieq:–

1. A plot of land of the area of about 132.9 square metres, bounded on the North East by Government property and on the South East and the West by a public road.

The abovementioned land is shown marked with the colour blue on plan P.D.2009_450 which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) George Abela
President

12th January, 2010

Nru. 71

TERMINAZZJONI TA' KIRI TA' RABA'

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta, hija ppubblikata skont l-Att tal-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

It-22 ta' Jannar, 2010
(File No. E67/2002/I/25)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Jien hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija, li hija proprjetà tal-Gvern, hija meħtieġa għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Att tal-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

No. 71

TERMINATION OF AGRICULTURAL LEASE

THE following declaration, made by the President of Malta, is published in terms of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

22nd January, 2010

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

I hereby declare that the undermentioned land, which is Government property, is required for a public purpose in accordance with the provisions of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja fiż-Żurrieq:

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 130 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern u mix-Xlokk ma' triq pubblika reġistrata fir-*Records* tal-Gvern bħala parti mit-*tenement* Nru. E01296.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur blu fuq il-pjanta P.D.2006_894_1 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) George Abela
President

It-12 ta' Jannar, 2010

Description of the Land

The following land at Żurrieq:–

1. A plot of land of the area of about 130 square metres, bounded on the North and the West by Government property and on the South East by a public road registered in the Government Records as part of tenement No. E01296.

The abovementioned land is shown marked with the colour blue on plan P.D.2006_894_1 which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) George Abela
President

12th January, 2010

Nru. 72

BORD TAL-PULIZIJA

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta għoġbu japprova illi l-Bord tal-Pulizija, nominat skont ir-Regolament 48 tal-Att dwar il-Pulizija (Kap. 164), ikun rikostitwit kif ġej għal perijodu ta' sentejn sat-28 ta' Frar 2012.

Chairman
L-Imħallef Franco Depasquale

Membri
Is-Sinjura Gemma Sirol
Is-Sur Paul Agius
Is-Sur Paul Saliba

Segretarju
Is-Sur Pio Scerri

It-22 ta' Jannar, 2010

No. 72

POLICE BOARD

IT is notified for general information that the President of Malta has been pleased to approve that the Police Board will be re-appointed as follows in terms of Regulation 48 of the Malta Police Act (Cap. 164), for a period of two years up till 28th February 2012.

Chairman
Judge Franco Depasquale

Members
Mrs Gemma Sirol
Mr Paul Agius
Mr Paul Saliba

Secretary
Mr Pio Scerri

22nd January, 2010

Nru. 73

FORZI ARMATI TA' MALTA

Nomina ta' Aġent Logutenent Kurunell tal-Forzi Armati ta' Malta

IL-PRIM Ministru għoġbu japprova l-promozzjoni tal-imsemmija hawn taħt għar-*rank* ta' Aġent Logutenent Kurunell b'seħħ mid-data li tinsab ħdejn isimhom.

Il-Maġġur Wallace Camilleri	L-1 ta' Lulju, 2009
Il-Maġġur Andrew Mallia	L-1 ta' Lulju, 2009

L-20 ta' Jannar, 2010
OPM/COF/548/1965/3

No. 73

ARMED FORCES OF MALTA

Appointment of Acting Lieutenant Colonel in the Armed Forces of Malta

THE Prime Minister has been pleased to approve the promotion of the under mentioned to the rank of Acting Lieutenant Colonel with effect from the date shown against their names.

Major Wallace Camilleri	1st July, 2009
Major Andrew Mallia	1st July, 2009

20th January, 2010

Nru. 74

ATT DWARIL-PROTEZZJONI U L-PRIVATEZZA TAD-DATA (KAP. 440))

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Ministru responsabbli mill-Ġustizzja u l-Intern, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 (2) tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data approva l-ħatra ta' Dott. Edward Debono, LL.D., bħala l-President tat-Tribunal tal-Appell dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data u lil Dott. Jennifer Casingena Harper, Ph.D., M.Sc., B.A., u s-Sur George Sammut, B.Sc.(Hons), bħala Membri tal-istess Tribunal għal perijodu ta' tliet snin b'seħħ mit-3 ta' Jannar, 2010. Ms Rita Vella Brincat ġiet appuntata bħala Segretarja skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 (8) tal-Att.

It-22 ta' Jannar, 2010

No. 74

DATA PROTECTION ACT (CAP. 440)

IT is hereby notified for general information that the Minister responsible for Justice and Home Affairs, in accordance with the provisions of Article 48 (2) of the Data Protection Act has approved the re-appointment of Dr Edward Debono, LL.D., as Chairman of the Data Protection Appeals Tribunal and Dr Jennifer Casingena Harper, Ph.D., M.Sc., B.A., and Mr George Sammut, B.Sc.(Hons), as members for a period of three years with effect from 3rd January, 2010. Ms Rita Vella Brincat has been appointed to act as Secretary in accordance with the provisions of Article 48 (8) of the Act.

22nd January, 2010

Nru. 75

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI GĦAL AVJAZZJONI ĊIVILI

IĊ-*CHIEF Exexutive Officer* tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 75

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL FOR CIVIL AVIATION

THE Chief Executive Officer of the Authority for Transport in Malta has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DATA *DATE*
Mr Charles Caruana Triccas	Aġent Direttur Ġenerali għal Avjazzjoni Ċivili *Acting Director General for Civil Aviation*	25-26.01.2010

It-22 ta' Jannar, 2010

22nd January, 2010

Nru. 76

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI U L-AFFARIJIET RURALI

Provvista ta' Ikel mill-Ħazniet ta' Intervent għall-Benefiċċju ta' Dawk fil-Bżonn – Pjan għall-2010

Il-Kap tal-Aġenzija għall-Pagamenti fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali se jilqa' talbiet mingħand Organizzazzjoniet mhux Governattivi (NGOs) minn Malta u Għawdex biex imexxu t-tqassim tal-ikel mill-Ħażniet tal-Intervent tal-Unjoni Ewropeja lill-persuni l-aktar fil-bżonn.

L-NGOs interessati għandhom jiggarantixxu li jkollhom għad-disponibbilità taghhom nies biex jikkonsenjaw l-ikel lill-Istituzzjonijiet tal-Karità.

Il-funzjonijiet prinċipali tal-NGOs magħżula jkunu:

No. 76

MINISTRY FOR RESOURCES AND RURAL AFFAIRS

Supply of Food from Intervention Stocks for the Benefit of the Deprived – Plan for 2010

The Head, Paying Agency within the Ministry for Resources and Rural Affairs will be receiving requests from Non-Governmental Organisations (NGOs) from Malta and Gozo to manage the distribution of food from EU Intervention Stocks to the most deprived persons.

The interested NGOs shall guarantee the availability of people and means for the consignment of food to Charitable Institutions.

The main functions of the selected NGOs shall be to:

(1) jirċievu ikel minn kuntratturi lokali u barranin u jqassmuh lill-Istituzzjonijiet tal-Karità unikament bħala karità u ghajnuna lil dawk l-aktar fil-bżonn skont Regolament tal-Kummissjoni (KE) 3149/1992;

(2) Iżommu dokumentazzjoni xierqa u jagħmluha disponibbli għall-kontrolli mill-Aġenzija għall-Pagamenti u awditjar ieħor, skont il-każ.

Formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżlu mis-sit http://www.agric.gov.mt/foodaid_scheme?l=1 jew jinġabru mill-Aġenzija għall-Pagamenti, Front Office, Triq Ħal Luqa, Ħal Qormi, u jintbagħtu, fl-istess indirizz, sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, id-29 ta' Jannar 2010.

L-applikazzjonijiet jiġu evalwati mill-Kap tal-Aġenzija għall-Pagamenti u l-applikanti jiġu nfurmati bil-miktub jekk l-applikazzjoni tagħhom ġietx milqugħa jew le.

It-22 ta' Jannar, 2010

(1) Receive food from local and overseas contractors and distribute same to Charitable Institutions solely as charity and assistance to the most deprived in line with Commission Regulation 3149/1992;

(2) Maintain proper documentation and make them available for the controls by the Paying Agency and Audits as may be the case.

Applications can be downloaded from http://www.agric.gov.mt/foodaid_scheme?l=1 or an application form requested from the Paying Agency, Front Office, Luqa Road, Qormi. Applications are to be submitted at the same address, by not later than Friday, 29th January, 2010.

Applications received shall be evaluated by the Head Paying Agency and applicants shall be informed in writing whether their application has been accepted or otherwise in due course.

22nd January, 2010

Nru. 77

SEGRETARJI TAL-KUNSILLI LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi skont is-sub-artiklu (1) tal-artiklu 49 u l-Artiklu 50 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-persuni msemmija hawn taħt ġew appuntata Deputat Segretarju Eżekuttiv ta' dak il-Kunsill Lokali:

Lokalità tal-Kunsill Lokali	*Deputat Segretarju*
Tas-Sliema	Althea Borg
Ħaż-Żabbar	Isabella Testaferrata de Noto

It-18 ta' Jannar, 2010

No. 77

LOCAL COUNCILS SECRETARIES

IT is hereby notified for general information that in terms of sub-section (1) of section 49 and section 50 of the Local Councils Act (Cap. 363) the following persons have been appointed Deputy Executive Secretary of that Local Council:

Local Council Locality	*Deputy Secretary*
Tas-Sliema	Althea Borg
Ħaż-Żabbar	Isabella Testaferrata de Noto

18th January, 2010

Nru. 78

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Applikazzjoni li għandha bżonn Stima tal-Impatt Ambjentali
Avviż skont Sezzjoni 7(5) tar-Regolamenti dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 tal-2007)

L-APPLIKAZZJONI imsemmija hawn taħt teħtieġ stima tal-impatt ambjentali. L-applikazzjoni hija miġbura skont il-lokalità u tinkludi n-numru tal-applikazzjoni, it-titlu tal-iżvilupp u l-isem tal-applikant. Il-pubbliku jista' jara l-

No. 78

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Application that Requires an Environmental Impact Assessment
Notice in accordance with Section 7(5) of the Environmental Impact Assessment (2007) Regulations (Legal Notice 114/2007)

THE following development permit application is subject to an Environmental Impact Assessment. The application is set out by locality and includes the MEPA number, title of the development and the name of the applicant. Copies

applikazzjoni hawn taħt imsemmija fl-uffiċċju tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, il-Furjana waqt il-ħinijiet tax-xogħol.

Il-pubbliku hu mistieden jibgħat kummenti bil-miktub lill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar materji li jkun jixtieq li jiġu nklużi fl-Istima tal-Impatt Ambjentali. Is-sottomissjonijiet għandhom ikollhom id-dettalji tal-applikazzjoni kif jidhru hawn taħt. Il-kummenti għandhom jaslu l-Awtorità sa mhux aktar tard mit-12 ta' Frar 2010. Aktar informazzjoni tinsab fuq il-*website* tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar: http://www.mepa.org.mt/permitting-ea-cons. Sottomissjonijiet jintlaqgħu wkoll fuq eiamalta@mepa.org.mt

of this application can be seen at the offices of the Malta Environment and Planning Authority in Floriana

The public is advised to submit in writing to the Malta Environment and Planning Authority, St. Francis Ravelin, Floriana, any issues it wishes to see included in the Environmental Impact Assessment. Submissions should contain details of the application as given below. All submissions are to reach the Malta Environment and Planning Authority by not later than 12th February 2010. More information can be obtained from the MEPA website: http://www.mepa.org.mt/permitting-ea-cons. Submissions are also received at eiamalta@mepa.org.mt

L-Għadira, limiti tal-Mellieħa	GF 0063/06

Proposti għat-titjib tat-triq eżistenti jew bini ta' triq ġdida minn node NA3 u NA4 tan-network TEN-T (PA 0330/09; PA 0331/09; PA 0332/09; PA 1023/09).

Is-Sur Joe Fenech Conti, għall-Awtorità għat-Trasport f'Malta

Għadira, l/o Mellieħa	*GF 0063/06*

Proposed upgrading/re-routing of the existing road from node NA3 and NA4 of the TEN-T network (PA 0330/09; PA 0331/09; PA 0332/09; PA 1023/09).

Mr Joe Fenech Conti obo Authority for Transport in Malta

It-22 ta' Jannar, 2010

22nd January, 2010

Nru. 79

ATT DWAR IL-KWARANTINA TAL-PJANTI
(KAP. 433)

Reġistrazzjoni ta' Pjanti tat-Tadam għall-Kontroll tal-Baħrija tat-Tadam (*Tuta absoluta*)

B'RIFERENZA għall-Artikolu 32 tal-Att dwar il-Kwarantina tal-Pjanti u għall-Artikolu 5 (1) tal-Avviż Legali Nru. 26 tal-2010 (Regolamenti dwar il-Kontroll ta' *Tuta absoluta*), id-Dipartiment għas-Saħħa tal-Pjanti fi ħdan il-Ministeru tar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali jiddikjara illi:

Kull min ikabbar it-tadam (professjonalment jew b'delizzju) jew kull entità legali responsabbli minn proprjetà fejn jinżammu u/jew fejn jiġu kkultivati pjanti tat-tadam (*Lycopersicon lycopersicum* (L.)) bejn Frar u Awwissu tal-2010, huwa obbligat jirreġistra mad-Dipartiment għas-Saħħa tal-Pjanti sat-12 ta' Frar 2010.

Kull min għandu l-ħsieb li jikkultiva t-tadam bejn Settembru u Diċembru tal-2010 se jkun obbligat jirreġistra aktar 'l quddiem, hekk kif jiġi stabbilit mid-Direttur fil-Gazzetta tal-Gvern.

No. 79

PLANT QUARANTINE ACT
(CAP. 433)

Registration of Tomato Plants for the Control of the Tomato Leafminer Moth (*Tuta absoluta*)

WITH reference to Article 32 of the Plant Quarantine Act and Article 5 (1) of Legal Notice No. 26 of 2010 (*Tuta absoluta* (Control) Regulations), the Plant Health Department within the Ministry for Resources and Rural Affairs notifies that:

Any grower (whether professional or amateur) or legal entity which is responsible for the property where tomato plants (*Lycopersicon lycopersicum* (L.)) are kept and/or cultivated anytime during February to August 2010, is obliged to register with the Plant Health Department until the 12th February, 2010.

Persons intending to cultivate tomatoes during September to December 2010 shall be obliged to register at a later stage as the Director may establish in the Government Gazette.

Din ir-reġistrazzjoni tapplika għal kull min ikabbar it-tadam, inkluż mixtliet li ser ikabbru xtieli tat-tadam u individwi li ser ikabbru pjanti tat-tadam għall-użu tagħhom personali matul il-perijodu indikat.

L-għan ta' din ir-reġistrazzjoni huwa sabiex tingħata għajnuna għall-kontroll tal-baħrija tat-tadam (*Tuta absoluta*).

Kull min ikabbar it-tadam u ma jirreġistrax mad-Dipartiment jista' jkun soġġett għal miżuri ta' infurzar hekk kif stipulat fl-Avviz Legali Nru. 26 tal-2010 u fl-Att tal-Kwarantina tal-Pjanti.

Aktar informazzjoni tinsab fuq il-*website* tad-Dipartiment għas-Saħħa tal-Pjanti (www.planthealth.gov.mt).

It-22 ta' Jannar, 2010

This registration is applicable to tomato growers, including nurseries and private individuals growing tomato plants or seedlings anytime during the indicated period.

The purpose of this registration is to provide assistance for the control of the Tomato Leafminer moth (*Tuta absoluta*).

Any person cultivating tomatoes and failing to register with the Department shall be subject to enforcement measures as stipulated in Legal Notice 26 of 2010 and the Plant Quarantine Act.

Further information can be obtained from the Plant Health Department's website (www.planthealth.gov.mt).

22nd January, 2010

Nru. 80

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA)
(KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:–

No. 80

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
22. 01. 10	€25.924	€0.445

It-22 ta' Jannar, 2010

22nd January, 2010

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 5

Bis-saħħa tal-artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-data u l-ħinijiet indikati.

Ir-Rabat - Għawdex

Nhar il-Ħadd, il-31 ta' Jannar 2010 mis-7.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza San Franġisk, Vajringa, ir-Repubblika, A. Dingli, Pjazza Savina, Santa Marija, il-Librerija, San Ġwann, Pjazza Santu Wistin u Pjazza Tomba.

POLICE NOTICE

No. 5

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the date and times indicated.

Victoria - Gozo

On Sunday, 31st January 2010 from 7.00 a.m. through the following streets: Pjazza San Franġisk, Vajringa, ir-Repubblika, A. Dingli, Pjazza Savina, Santa Marija, il-Librerija, San Ġwann, Pjazza Santu Wistin and Pjazza Tomba.

Huwa pprojbit ukoll l-ipparkjar fit-toroq imsemmija hawn fuq u vetturi misjuba pparkjati hemm jiġu rmunkati.

It-22 ta' Jannar, 2010

The parking of vehicles along the above mentioned streets is also prohibited and vehicles found parked there will be towed away.

22nd January, 2010

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Pożizzjoni ta' *Project Administrator* (Restawr u Rijabilitazzjoni ta' Fortifikazzjonijiet Storiċi f'Malta u Għawdex) fid-Diviżjoni '*Projects Design and Implementation'* tal-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali

Skont klawżola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Project Administrator* (Restawr u Rijabilitazzjoni ta' Fortifikazzjonijiet Storiċi f'Malta u Għawdex) fid-Diviżjoni 'Projects Design and Implementation' tal-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali.

2.1. Il-persuna magħżula tkun mistennija li tidħol f'assignment ta' sitta u tletin (36) xahar bħala *Project Administrator* (Restawr u Rijabilitazzjoni ta' Fortifikazzjonijiet Storiċi f'Malta u Għawdex) fid-Diviżjoni 'Projects Design and Implementation' tal-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *Project Administrator* matul il-perjodu tal-*assignment* ikollha l-*assignment* tagħha tterminat. Barra minnhekk, dan hu ingaġġ marbut ma' xogħol speċifiku u ma' żmien speċifiku skont Regolament 7(4) tal-Avviż Legali 51/2007 kif sostitwit b'Regolament 3(b)(4) tal-Avviż Legali 239/2008.

2.2. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha grad sustantiv/*indefinite status* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hija żżomm il-grad sustantiv/*indefinite status* tagħha waqt il-perjodu tal-*assignment* u terġa' lura għal dan il-grad sustantiv/*indefinite status* meta l-*assignment* jintemm. Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx Uffiċjal Pubbliku li għandha grad sustantiv/*indefinite status* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, l-impjieg tagħha mad-Diviżjoni 'Projects Design and Implementation' fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali kif ukoll mas-Servizz Pubbliku ta' Malta jintemm meta jispiċċa l-*assignment*.

2.3. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha grad sustantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u waqt il-perjodu tal-*assignment* tinħatar fi grad bi Skala ta' Salarju ogħla minn Skala 7, hija tkun meħtieġa li tirrinunzja d-doveri ta' *Project Administrator* (Restawr u Rijabilitazzjoni

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Position of Project Administrator (Restoration and Rehabilitation of Historic Fortifications of Malta and Gozo) in the Project Design and Implementation Division of the Ministry for Resources and Rural Affairs

In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Public Service Commission invites applications for the position of Project Administrator (Restoration and Rehabilitation of Historic Fortifications of Malta and Gozo) in the Projects Design and Implementation Division, within the Ministry for Resources and Rural Affairs.

2.1. The selected candidate will be expected to enter into a thirty-six (36) month assignment as Project Administrator (Restoration and Rehabilitation of Historic Fortifications of Malta and Gozo) in the Projects Design and Implementation Division, within the Ministry for Resources and Rural Affairs. Unsatisfactory performance as Project Administrator during the assignment period will lead to termination of assignment. Moreover, this is an engagement for a specific task and specific period of time in terms of Regulation 7(4) of Legal Notice 51/2007 as substituted by Regulation 3(b)(4) of Legal Notice 239/2008.

2.2. If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade / indefinite status in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade / indefinite status during the assignment period and will revert to his/her substantive grade / indefinite status on the termination of the assignment. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer holding a substantive grade / indefinite status in the Malta Public Service, his/her employment with the Ministry for Resources and Rural Affairs as well as with the Malta Public Service will be discontinued in case of termination of the assignment.

2.3. If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade status in the Malta Public Service and, during the assignment period, is appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 7, he/she will be required to relinquish the duties of Project Administrator (Restoration

ta' Fortifikazzjonijiet Storiċi f'Malta u Għawdex) u tkun trasferita għal doveri li jikkorrispondu mal-grad il-ġdid tagħha. Iżda, jekk is-salarju sustantiv tal-persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala 7 permezz ta' *progression*, il-persuna titħalla tkompli l-perjodu tal-ingaġġ tagħha kif provdut bl-*assignment* fis-seħħ.

3.1. Is-salarju għal din il-pożizzjoni jkun ekwivalenti għall-massimu ta' Skala ta' Salarju 7 (€22,211 fis-sena). Għall-fini tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet tal-1937, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tal-persuna u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance,* f'każ li persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku bi grad sustantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Minħabba n-natura tax-xogħol involut, il-persuna maħtura tkun intitolata għal *disturbance allowance* ta' 15% tas-salarju għal xogħol li jsir regolarment wara l-ħinijiet normali tal-uffiċċju. Din l-*allowance* tista' tiżdied sa 25% f'ċirkustanzi eċċezzjonali, u bl-approvazzjoni tas-Segretarju Permanenti, Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali.

3.3. Jista' jitħallas *performance bonus* sa massimu ta' 10% tas-salarju. Ir-rata attwali tiġi stabbilita skont id-diskrezzjoni tas-Segretarju Permanenti, Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali.

4. Din il-pożizzjoni hija parzjalment finanzjata mill-Fondi Strutturali ERDF 2007-2013.

5. Id-dmirijiet ewlenin marbuta ma' din il-pożizzjoni, jinkludu inter alia li l-persuna magħżula:

Tieħu ħsieb timplimenta l-Proġett Numru 039 tal-ERDF – Restawr u Rijabilitazzjoni ta' Fortifikazzjonijiet Storiċi f'Malta u Għawdex. F'dan ir-rigward il-persuna magħżula trid tkun kapaċi tieħu fuqha r-rwoli importanti kollha li ġejjin, hija u tifforma parti mill-*Project Team* li ġie mwaqqaf apposta għal dan il-proġett:

General Project Management

(a) timmonitorja l-progress li jsir f'kull attività pprogrammata, timplimenta azzjoni korrettiva fejn hemm bżonn u tagħmel rapporti dwar progress ta' kull xahar, u tagħti ċifri konċiżi ta' kull tliet xhur lill-*Project Leader*, li lilu/lilha trid twieġeb b'mod dirett, sakemm il-*Final Accounts* jew l-ikkummissjonar tagħhom ikunu mitmuma, skont liema minnhom jiġi l-aħħar;

(b) iżżomm dokumentazzjoni xierqa tal-Kuntratti u Ordnijiet;

and Rehabilitation of Historic Fortifications of Malta and Gozo), and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. However, if the substantive salary of the selected officer becomes higher than the maximum of Scale 7 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the assignment in force.

3.1. The salary attached to this position is equivalent to the maximum point of Salary Scale 7 (€22,211 per annum). For the purpose of the 1937 Pensions Ordinance, the difference between the salary to which the selected candidate is entitled by virtue of the substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance, in case a selected applicant is a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service.

3.2. In view of the special nature of the duties involved, the appointee will also be entitled to a disturbance allowance of 15% of the salary for work performed regularly after office hours. The allowance may be increased up to 25% in exceptional circumstances, and subject to approval by the Permanent Secretary, Ministry for Resources and Rural Affairs.

3.3. A performance bonus of up to 10% of the salary may be payable. The actual rate will be established at the discretion of the Permanent Secretary, Ministry for Resources and Rural Affairs.

4. This position will be part-financed by the ERDF Structural Funds 2007-2013.

5. The main duties of this position are, inter alia, the following:

Manage the effective implementation of ERDF Project 039 – Restoration and Rehabilitation of Historic Fortifications of Malta and Gozo. In this regard the selected officer will be expected to be capable of carrying out the following important roles as part of the Project Team which has been set-up for this project:

General Project Management

(a) monitor progress of all programmed activity, implement corrective action where necessary and shall submit monthly progress reports and quarterly concise returns to Project Leader, to whom the said officer will be directly accountable, until Final Accounts or commissioning is completed, whichever is the later;

(b) maintain and keep proper documentation of all Contracts and Orders;

(ċ) tipprepara r-rapporti neċessarji tal-progress u tirrapporta kif mitlub mill-*Managing Authority* tal-Fondi Strutturali ERDF;

(d) tipprovdi kull ħila u parir tekniku u espert li normalment ikun mistenni fil-klassi tas-servizzi li għalihom il-persuna magħżula tkun ingaġġat ruħha;

(e) iżżur is-siti ta' proġetti u programmi li jkunu fi stadju ta' twettiq;

(f) torganizza kull ħmistax, jew skont kif ikun il-bżonn, laqgħat tal-Project Team jew kull xorta ta' laqgħa oħra li jkunu relevanti għar-rwol ta' *Project Manager;* dan ikun jinkludi tħejjija ta' aġenda, minuti u azzjonijiet ta' wara l-laqgħat;

Programmar

(g) tħejji u żżomm, flimkien mal-*Project Promoter,* li għall-fini ta' Proġett 039 tal-ERDF hija d-Diviżjoni 'Projects Design and Implementation' fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, u mal-Konsulenti li minn żmien għal żmien ikunu kkuntrattati mill-*Project Promoter* sabiex jiġi realiżżat il-Proġett 039 tal-ERDF, programm master mill-bidu sal-aħħar, tieħu kont tal-attivitajiet prinċipali u tidentifika d-dati kruċjali. Tivverifika u tinkorpora programmi għall-produzzjoni ta' disinni dettaljati u ħwejjeġ ta' materja li għandhom x'jaqsmu mat-tħejjija, publikazzjoni u aġġudikazjoni ta' offerti skont kif japplika għall-proġett. Timmonitorja l-progress skont l-iżviluppi;

(h) tagħti pariri lill-*Project Leader* dwar bidliet, tirrakkomanda azzjonijiet neċessarji fejn ikun hemm bżonn ta' bidliet ta' dan it-tip u ġġib il-permessi xierqa. Il-persuna magħżula tkun meħtieġa li tinforma immedjatament lill-*Project Leader* dwar xi dewmien ikkawżat minnħabba permessi tal-MEPA u/jew għoti ta' kuntratti jew kull diffikultà oħra li tista' tikkawża dewmien.

Aspett Finanzjarju tal-Proġett

(i) tiċċekkja li l-membri tal-*Project Team* u l-Konsulenti jkunu qegħdin jipprovdu informazzjoni adegwata u f'waqtha fit-tħejjija tad-dokumentazzjoni tal-offerti;

(j) tirrapporta b'mod regolari lill-*Project Leader* hekk li tagħti indikazzjonijiet ċari l-ispiża finali, li jkunu jinkludu l-ispejjeż ta' varjazzjonijiet u l-implikazzjonijiet għall-ispejjeż ta' estensjonijiet ta' żmien, previżjonijiet ta' dati ta' tlestija:

(k) tiċċekkja li l-membri tal-*Project Team* u l-Konsulenti jkunu qegħdin iħejju valutazzjonijiet regolari u ċertifikati ta' pagamenti tax-xogħlijiet tal-Kuntratturi tax-xogħlijiet li

(c) prepare the necessary progress reports and reporting as required by the Managing Authority of the ERDF Structural Funds;

(d) provide all the expert technical advice and skills that are normally required for the class of services for which said officer will be engaged;

(e) carry out site visits as required with respect to ongoing projects and programmes;

(f) organise fortnightly or as required, Project Team meetings and any other meetings deemed relevant to Project Manager's role; including preparation of agendas, minutes and follow-ups of said meetings.

Programming

(g) in conjunction with the Project Promoter, which for the purpose of the ERDF Project 039 is the Projects Design and Implementation Division within the Ministry for Resources and Rural Affairs, and with any Consultants that may be from time to time contracted by the Project Promoter for the realization of the ERDF Project 039, prepare and maintain a master programme from concept to completion to record principal activities and identify critical dates. Verify and incorporate programmes for production of detailed design and matters related to tender preparation, publication and award, as may be applicable to this project. Monitor progress accordingly;

(h) advise the Project Leader of changes, recommend appropriate action and obtain authorisation in each instance where the need for such changes arises. The selected candidate will be required to inform the Project Leader immediately of any delays that may be incurred due to MEPA permits and/or award of contracts or any other bottlenecks that may result in delays.

Financial Aspects of the Project

(i) check that Project Team members and Consultants are providing adequate and timely information for the preparation of tender documentation;

(j) report to the Project Leader at regular intervals giving forecast of final costs, including costs of variations and the cost implications of extensions of time, and forecast completion dates;

(k) check that Project Team members and Consultants prepare regular valuations and payment certificates of the Contractors' works valued in accordance with published

jkunu twettqu, skont kif ikun indikat il-valur fuq il-kuntratti ppubblikati. Tiċċertifika l-pagamenti fuq il-parir tal-Perit ikkonċernat;

(l) tkun responsabbli tal-organizzazzjoni/proċess ta' kif tagħti lura u tħoll 'retention monies' li jkunu dovuti lill-Kuntrattur wara li jkunu ġew iċċertifikati x-xogħlijiet mill-Perit inkarigat skont il-kuntratti ta' xogħlijiet li jkunu ġew mogħtija lill-Kuntratturi;

(m) tiċċekkja li l-membri tal-*Project Team* u l-Konsulenti jkunu qegħdin iħejju l-kontijiet finali u li jaqblu dwar kif dawn għandhom jingħalqu fil-ħin u mingħajr dewmien bla bżonn;

(n) iżżomm kuntatt mal-Ministeri kkonċernati u entitajiet oħra li jkunu interessati fil-proġett jew ikollhom x'jaqsmu miegħu, it-Teżor, u d-Dipartiment tal-Kuntratti, u entitajiet oħra rilevanti, inklużi msieħba interessati fil-proġett sabiex tiġi stabbilita fehma sħiħa dwar proċeduri u kontrolli relatati mat-tħaddim ta' fondi tal-Unjoni Ewropea f'Malta;

(o) dmirijiet oħra kif jista' jkun hemm bżonn.

6. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

(a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta; jew

(ii) ikunu ċittadini ta' Stat ieħor Membru tal-Unjoni Ewropea; jew

(iii) ikunu ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru tal-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE); jew

(iv) ikunu l-konjuġi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skont il-leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

contracts. Certify payments on advice of the architect in charge;

(l) be responsible for the organisation/process of handing over and release of retention monies due to contractor on certification of works by the architect in charge as per contracts of works awarded to contractors;

(m) check that Project Team members and Consultants prepare final accounts and agree settlement in a timely manner and without any undue delays;

(n) liaise with line Ministries and horizontal stakeholders, the Treasury and the Department of Contracts and other relevant horizontal stakeholders including Partners with a view to developing a clear understanding of procedures and control relating to the management of EU Funds in Malta;

(o) any other duties as may be required.

6. By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(a) (i) citizens of Malta; or

(ii) citizens of another European Union Member State; or

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply); or

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Foreign Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) have the ability to communicate in the Maltese and English languages;

(ċ) (i) ikollhom *postgraduate degree (Masters)* rikonoxxuta, jew kwalifika xierqa, komparabbli u rikonoxxuta, fl-oqsma tal-Arkitettura u/jew l-Inġinerija Ċivili jew fl-*Architectural Restoration,* jew fil-*Project Management* jew fil-*Management,* u sena (1) esperjenza rilevanti; jew

(ii) ikollhom first degree rikonoxxuta, jew kwalifika xierqa, komparabbli u rikonoxxuta, fl-oqsma tal-Arkitettura u/jew l-Inġinerija Ċivili jew *Architectural Restoration,* jew fil-*Project Management* jew fil-*Management*, u tliet (3) snin esperjenza rilevanti;

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma diġà impjegati fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw il-formola tas-*Service and Leave Record* (GP 47); filwaqt dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tas-Servizz Pubbliku ta' Malta u jagħtu dettalji).

7.1 Huwa kkunsidrat neċessarju li l-applikanti jkollhom għarfien ta' kif jitħaddem *project management software standard*. F'dan ir-rigward, l-applikanti jridu ikunu kapaċi li jaħdmu bil-*project management software* għat-tnissil ta' *Gantt charts,* iridu jkunu jifhmu *project management techniques* u jkunu kapaċi jidentifikaw *project paths* li jkunu kritiċi. L-applikanti huma mistennija wkoll li jkunu kapaċi jaħdmu b'*software* komuni bħal ma huma *spreadsheets* u *word processors*.

7.2 Bord tal-Għażla jintervista lill-applikanti eliġibbli sabiex jiddetermina li huma adatti għal din il-pożizzjoni. Fid-dawl ta' paragafu 7.1, il-proċess tal-għażla jinkludi wkoll test/testijiet prattiċi biex jiġi determinat l-għarfien tal-applikanti eliġibbli dwar il-programm *Microsoft Project,* liema programm huwa dak użat għall-proġett hawn fuq msemmi.

8.1. Il-persuna magħżula tista' tkun meħtieġa li tivvjaġġa barra minn Malta (għal taħriġ kif ukoll fuq xogħol) skont kif meħtieġ mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni 'Projects Design and Implementation', Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali.

8.2. Il-persuna magħżula li ssiefer, tintrabat bil-kundizzjonijiet rilevanti skont il-Public Service Management Code.

9.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet

(c) (i) in possession of a recognized postgraduate degree (Masters), or a recognised, appropriate, comparable qualification, in Architecture and/or Civil Engineering fields, or Architectural Restoration, or Project Management or Management, plus one (1) year relevant experience; or

(ii) in possession of a recognised first degree, or a recognised appropriate comparable qualification, in Architecture and/or Civil Engineering fields, or Architectural Restoration, or Project Management or Management, plus three (3) years relevant experience;

(d) of good moral character; (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or another competent authority not earlier than six (6) months prior to the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Public Service, giving details).

